**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 231/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**Vs**

**JOHN BAMBER**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra John Bamber talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta'bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli ghamel uzu minn dawn l-atti, kitba jew skritturi foloz, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
2. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta'aktar minn Lm1,000 ghad-dannu tal-kumpannija kummercjali Five Effs Cold Stores Ltd, u ta'persuni ohra, u dan bi skur ta' l-Artikoli 308 u 310 tal-Ligijiet ta'Malta;
3. Approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta'haddiehor, u cioe', fondi tal-kumpannija Five Effs Cold Stores Ltd, u ta' persuni ohra, li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, liema fondi gew fdati kew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 20 ta'Ottubru, 2000, li biha, filwaqt li ma sabetx htija f'John Bamber fl-ewwel u fit-tieni akkuzi fuq imsemmija w illiberatu minnhom, sabitu hati fuq it-tielet akkuza w kkundannatu fuq din l-akkuza hekk misjub hati ghall-disgha (9) xhur prigunerija, bit-tnaqqis ta'kull zmien li kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors t'appell ta'John Bamber datat 30 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-bqija biex b'hekk tilliberah minn kull htija w piena, u, fi kwalunkwe kaz, tvarjaha dwar il-piena billi tghati wahda li aktar tghamel ghall-kaz jekk din il-Qorti tikkonferma l-htija tieghu.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg mahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi aggravju ta' l-appellant jikkonsisiti filli, skond hu, dak li hu allegat li ghamel ma jammontax ghar-reat ta'approprijazzjoni indebita, izda biss ghall-kwistjoni purament ta'natura civili bejnu u bejn min kien jimpjegah, cioe' is-socjeta' Five Effs Cold Stores Limited. L-argument ta' l-appellant hu li sabiex, se mai, jissussisti dan ir-reat li hu addebitat bih, huwa necessarju li l-vittma ta' dan l-ghemil tieghu tkun l-istess persuna li tkun fdatlu jew ikkunsenjatlu l-oggett sabiex hu jaghmel uzu specifikat minnu, taht l-obbligu tar-radd lura ta' dak l-oggett, u li d-dannu li jigi kreat irid isir ghad-dannu ta' l-istess kunsenjatarju ta' dak l-oggett.

Dejjem skond l-istess appellant, li kien impjegat ma' l-imsemmija ditta bhala salesman b'istruzzjonijiet li jigbor il-flus minghand klijent ta' din id-ditta, u wara jghaddi dawn il-flus li jkun gabar lil din id-ditta, jekk f'xi okkazzjonijiet ma ghaddiex dawn il-flus kif kien tenut li jghamel, izda zammhom ghall-uzu tieghu, u dan ghad-dannu ta' din id-ditta, tali agir ma jammontax ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita ghaliex min kien originarjament fdalu jew ikkonsenjalu dawk il-flus, li kellu jghaddi lid-ditta li timpjegah, ma kien sofra ebda dannu b'daqshekk. Li qed jghid l-appellant effettivament hu li d-dannu irid jigi kagunat lill-istess persuna li tkun fdat jew ikkonsenjat l-oggett lill-persuna fdata b'istruzzjonijiet li din tghamel uzu minnhom specifikat u taht l-obbligu li trodd lura dak l-oggett. Fil-kaz in ezami, tonqos il-figura tal-persuna li tat l-flus lill-appellant bhala l-vittma ta' l-allegat ghemil tieghu. Dan li qed jghid l-appellant f'dan l-aggravju tieghu.

Preliminarjament ghandu jinghad li dwan dan l-agir ta' l-appellant ma hemm assolutament ebda dubju. Hu stess ammetta fl-isqarrija tieghu illi l-flus li kien gabar mill-klijenti ammontanti, skond hu, ghas-somma ta' Lm1,601.70, ma

kiex ghaddihom lid-ditta li thaddmu, izda kien uzahom ghalih personalment. Il-fatti, ghalhekk, jinsabu pruvati sal-grad li titlob il-ligi.

Illi dwar dan biss, ghalhekk, tali agir ta' l-appellant certament jammonta ghall-vjolazzjoni ta' l-obbligu tieghu li jirrestitwixxi jew jghaddi dawn il-flus lill-fuq imsemmija ditta, kif kien tenut li jghamel skond l-impieg u istruzzjonijiet li kellu. Id-ditta kienet weriet fiducja fl-appellant billi fdatu li ghan-nom taghha jigbor il-flus, propjeta' taghha, minghand id-diversi klijenti, taht l-obbligu li jghaddi dawn il-flus lill-istess ditta. F'dan l-ghemil ta' l-appellant, mela, hemm zgur il-ksur ta' din l-obbligazzjoni jew fiducja li din id-ditta weriet fl-appellant.

Il-kwistjoni kollha, ghalhekk, hi jekk l-appellant ghandux ragun jghid li f'dan l-ghemil ma jiffigurax ir-reat addebitat lilu ghaliex min kien tah il-flus ma sofra ebda dannu w ma kien hemm ebda ksur ta'obbligazzjoni ta'restituzzjoni ta' l-istess fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti xejn ma taqbel ma'din l-argumentazzjoni jew sottomissjoni ta' l-appellant. Il-Qorti hawnhekk tghamel riferenza ghal dak li jghid <u>*Vincenzo Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Penale Italiano ", Quinta Edizione, Volume Nono*</u>, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur :

> " *Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. <u>Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che ricevette</u>. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo*. "

Dan hu kliem ferm car li bhala ezempju ta' dan ir-reat, il-Manzini jsemmi precizament kaz identiku, sottolineat fil-bran kkwotat minn din il-Qorti, ta' dak in ezami f'dawn il-proceduri. Barra minn hekk, ta' min jikkwota wkoll dak li jghid il-<u>*Maino fil-ktieb tieghu " Commento al Codice Penale Italiano*</u> ", UTET (Milano), 1922, vol.IV, pagna 104 :

> " *La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede* ".

Hu f'dan is-sens, ghalhekk, li l-ewwel Qorti kellha ragun tghid li dan hu reat fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqeghdha fuq, jew mujrija fl-agent mill-mandanti, f'dan il-kaz id-ditta li kienet timpjega lill-appellant. Dan il-ksur jew abbuz ta'fiducja sar fil-mument li l-appellant approprija ruhu mill-flus tad-ditta Five Effs Cold Stores Limited li kienet timpjegah kontra r-rieda ta' l-istess ditta.

L-appellant jilmenta wkoll mill-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tosserva li l-piena ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita, anke minghajr il-kwalifika tal-kontinwat, hi ta'prigunerija minn hames xhur sa sena. Fic-

cirkostanzi ta' dan il-kaz, u anke minhabba l-istess ragunijiet li semmiet l-ewwel Qorti fil-paragrafu ta' l-ahhar tas-sentenza taghha, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta'John Bamber billi tichdu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur